# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**David (David Norbert) Schembri**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **David (David Norbert) Schembri**, numru tal-Karta tal-identita' 369676M fejn ġie mixli talli nhar it-3 t'Awissu 2012 għall-ħabta tal-16:00 u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, fid-Diviżjoni 13 tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u / jew f'dawn il-gżejjer :-

(a) Volontarjament ta n-nar lil-ċella numru 23 u materjal li jaqbad fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u b'din iċ-ċella kienet b'mod li setgħet qabdet ħruq lil bini ieħor, għarix jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt kien hemm xi persuni u l-istess ħruq ma qabbadx il-bini;

(b) Volontarjament għamel ħsara, ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċjoe għamel ħsara fuq ċella numru 23 liema ħsara ma kienetx tiskorri s-somma ta' elf mija

erbgħa u sittin euro disgħa u sittin ċenteżmu iżda iżjed minn mija u sittax il-euro sebgħa u erbgħin ċenteżmu;

(c) Aktar talli sar reċediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu jew jiġi mħasra ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Settembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma bil-ġurament l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tal-imputat filwaqt li matul il-kors tal-eżami tal-imputat, l-istess imputat wieġeb li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 7 ta' Jannar 2015, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **David (David Norbert) Schembri** fl-Artikoli 17, 31, 33A, 49, 50, 317(b), 325(1)(b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk

bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tal-20 ta' Jannar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

A fol 18 xehed CO 143 Noel buttigieg fejn stqarr li dakinhar tal-inċident l-imputat kien talbu l-Baygon filwaqt li lil sCO164 Mallia talbu xi affarijiet biex jaħsel iċ-ċella tiegħu. Sakemm mar iġiblu l-affarijiet irċieva messaġġ fuq ir-radio fejn talbuh biex imur malajr għax iċ-ċella tal-imputat kienet qegħda taqbad. L-imputat kellu xi *garbage bags* bil-ħwejjeġ personali tiegħu li kien ħariġhom barra. Meta daħlu fiċ-ċella wara l-ħruq, dan ix-xhud staqsa lill-imputat dwar x'kien ġara u l-

imputat qallu "short circuit" u beda jidħak. Il-valur tal-ħsara kien jammonta għal €825.50.

A fol 29, CO164 Shaun Mallia jgħid li dakinhar tal-inċident l-imputat kien talbu borża surf bie jaħsel iċ-ċella. Huwa qam biex imur iġib din il-borża u kif mar lura ra' lill-imputat iċempel u ftit sekondi wara ra d-duħħan ħiereġ minn fuq il-bieb taċ-ċella li kien magħluq. Hemmhekk huwa għafas l-allarm u talab l-għajnuna biex dan in-nar jiġi mitfi. Matul din l-azzjoni l-imputat kien fuq it-telefon jitkellem f'distanza twila daqs tul ta' awla tal-Qorti u baqa' hekk sakemm waslu tal-SRT u ħaduh l-hemm. Meta mistoqsi x'ġara, l-imputat weġibhom li kien jaħseb li dan l-inċendju seħħ minħabba *short circuit*.

CO Carmel Cachia jixhed li dakinhar tal-inċident mar biex jitfi n-nar li kien hemm fiċ-ċella li kien jirrisjedi fiha l-imputat. Huwa staqsa lill-imputat x'kien għamel. L-imputat ma taħx tweġiba u wieġbu b'risposta "x'għamilt?" Dan ix-xhud jgħid li xi ħadd qabbadha lil din iċ-ċella b'xi ħaġa.

Mix-xiehda tal-Ispettur Spiridione Zammit u ta' PC948 Paul Grech jirriżulta li l-imputat ma riedx jikkopera mal-Pulizija meta dawn marru biex jinterrogawh. Ma riedx jirrilaxxja stqarrija.

Essenzjalment dawk kienu l-provi tal-prosekuzzjoni fuq il-kawża prossima tal-inċendju f'dan il-każ.

Issa din il-Qorti għalkemm tqis li jirriżulta mill-provi prodotti li fil-fatt sar ħruq fiċ-ċella li kienet okkupata mill-imputat, ma ġiex soddisfaċentement ippruvat li

(a) dan il-ħruq kien ta' natura doluża;

(b) il-persuna wara dan l-inċendju doluż kien l-imputat.

Jirriżulta ċar li f'dan il-każ ma tresqet ebda prova teknika jew mhix li lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni tista' twassal lil din il-Qorti tikkonkludi li l-kawża tal-ħruq fiċ-ċella de quo kien dovut għal kawża doluża. Fil-fatt f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq xi relazzjoni peritali f'dan is-sens – kif bosta drabi jiġri meta jsiru inkjesti maġisterjali f'każijiet li jinvolvu inċendji.

Inoltre x-xiehda tal-Uffiċjali Korrettivi li xehdu ma jikkonfermawx li b'xi mod raw lill-imputat jqabbad dan in-nar hu personalment jew jagħmel xi ħaġa li permezz tagħha din il-Qorti tista' sserraħ rasha – lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni – li kien l-imputat li qabbad iċ-ċella tiegħu stess. Huma jistrieħu aktar minn ħaġa oħra fuq evidenza ċirkostanzjali u fuq l-imġieba stramba, indifferenti u ekwivoka tal-imputat.

Din il-Qorti ma tistax tistrih biss fuq evidenza ċirkostanzjali li ma tkunx univoka. L-evidenza ċirkostanzjali li hemm f'dan il-każ ma twaslekx għal konklużjoni waħda, u waħda biss u ċjoe li l-kawża tal-ħruq ma kienetx waħda aċċidentali iżda purament ta' natura doluża u li kien biss David Norbert Schembri li dolożament qabbad iċ-ċella tiegħu stess jew li kkawża l-ħsara konsegwenzjali l-inċendju fiċ-ċella de quo.

Minħabba f'hekk, din il-Qorti ma tistax tasal li ssib ħtija fl-imputat f'dan il-każ.

# *DECIDE*

Li qegħda ssib lil **David (David Norbert) Schembri mhux ħati** tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu minħabba li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Mogħtija illum it-18 il-jum ta' Novembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***

Sent/artikoli